2024/1888

12.7.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1888

tal-10 ta' Lulju 2024

dwar il-proġett transfruntier bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt fil-Kurituri tan-Network Ewlieni ta' bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran u tal-Atlantiku u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1118

(notifikata bid-dokument C(2024) 4754)

(It-testi bl-Olandiż u bil-Franċiż biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 47(2) tiegħu,

Billi:

(1) Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport hija objettiv ewlieni ta' politika tal-Unjoni. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" ([2]) tal-11 ta' Diċembru 2019 ikkonfermat u saħħet l-ambizzjonijiet tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima. F'dan il-kuntest, it-trawwim tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni għaċ-ċaqliq tal-merkanzija u l-passiġġieri, kif deskritt mill-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti ([3]), huwa politika importanti tat-trasport tal-Unjoni u prijorità fit-tul għall-implimentazzjoni tan-network TEN-T.

(2) Bit-tlestija tan-network ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt, il-baċir tax-xmara Seine se jkun konness b'mod dirett mal-baċir tax-xmara Scheldt fit-Tramuntana ta' Franza, fil-Belġju u fin-Netherlands permezz ta' passaġġ kontinwu fuq l-ilma intern b'gejġ għoli, u se jkun konness ukoll ma' baċiri Ewropej importanti oħrajn b'passaġġi fuq l-ilma interni bħal dawk tax-xmara Renu u tax-xmara Maas. Dan se joħloq network kontinwu, effettiv u konsistenti ta' passaġġi fuq l-ilma interni b'kapaċità għolja li jgħaqqad flimkien id-diversi portijiet marittimi u interni ta' dan ir-reġjun usa' transfruntier Ewropew.

(3) Billi jgħaqqad flimkien lil Franza, lill-Belġju, lin-Netherlands u, lil hinn minnhom, lill-Ġermanja, in-network ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt għandu lat transfruntier ċar.

(4) In-network ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt u l-baċiri tax-xmajjar relatati ta' Seine, Scheldt u Meuse huma konnessjonijiet transfruntiera identifikati minn qabel fil-Kuritur tan-Network Ewlieni tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Mediterran u l-parti bejn Le Havre — Pariġi tinsab fuq il-Kuritur tan-Network Ewlieni tal-Atlantiku fir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Id-Dikjarazzjoni tas-17 ta' Ottubru 2013 dwar l-implimentazzjoni tal-Kuritur tan-Network Ewlieni tat-TEN-T ta' bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran (id-Dikjarazzjoni ta' Tallinn), li ffirmawha l-Ministri tat-Trasport tal-Belġju, tan-Netherlands u ta' Franza u l-Kummissarju għat-Trasport, kompliet tenfasizza l-impenn tal-partijiet ikkonċernati biex jimplimentaw dan il-kuritur. Barra minn hekk, il-Pjanijiet ta' Ħidma għall-Kuritur tan-Network Ewlieni ta' bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran enfasizzaw il-ħtieġa li tiġi żgurata t-tlestija tal-proġett ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt bħala l-pedament biex jiġi stabbilit kuritur tat-trasport multimodali li jaħdem għalkollox.

(5) Wieħed mill-objettivi ewlenin tal-proġett huwa li jiżgura li l-itinerarji ewlenin ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt ikunu mill-inqas tal-klassi Va tal-ECMT u li jiżgura kundizzjonijiet tajbin tan-navigazzjoni.

([1]) ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1315/oj.

([2]) *Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"*, COM(2019)640 final

([3]) *Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur"*, COM (2020) 789 final.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1153/oj).

(6) Il-komponenti kollha tal-proġett ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt huma essenzjali għat-tlestija tiegħu. Fosthom, il-kanal ta' bejn ix-xmara Seine u t-Tramuntana tal-Ewropa huwa l-konnessjoni ewlenija nieqsa, u mingħajru n-network ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt ma jistax jitwettaq.

(7) Il-proġett ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt huwa proġett transfruntier kumpless, li fih huma involuti l-Belġju (b'mod partikulari r-reġjun Fjamming u r-reġjun ta' Walloon) u Franza, u jinvolvi xogħlijiet li għandhom l-għan li joħolqu infrastruttura ġdida kif ukoll li jtejbu l-infrastruttura eżistenti b'impatt minimu fuq in-navigazzjoni. Għalhekk, sfida ewlenija hija li jkun hemm biżżejjed koordinazzjoni. Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni kkoordinata u f'waqtha tal-proġett, jeħtieġ li jiġu adottati dispożizzjonijiet li jistabbilixxu deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħtieġa u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Dan jgħin biex jintlaħqu l-objettivi transfruntiera u tal-bidla modali tal-Pjan ta' Ħidma għall-Kuritur tan-Network Ewlieni ta' bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran, kif ukoll biex jitlesta proġett ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt malajr kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mill-2030.

(8) L-identifikazzjoni ċara tal-azzjonijiet meħtieġa biex ikompli jiġi implimentat u jitlesta l-proġett ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt u l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom hija importanti wkoll sabiex tiġi maħsuba u mtejba bis-sħiħ id-disponibbiltà tal-finanzjament Ewropew, nazzjonali u reġjonali kif ukoll tal-finanzjament privat. Il-kofinanzjament tal-Unjoni jagħti spinta lit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali u reġjonali biex jiġu implimentati l-azzjonijiet.

(9) Il-Belġju (b'mod partikulari r-reġjun Fjamming u r-reġjun ta' Walloon) u Franza diġà wettqu xogħlijiet sinifikanti (studji u xogħlijiet ta' infrastruttura) li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-proġett ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt. Fil-biċċa l-kbira tagħhom, dawn ix-xogħlijiet ikkofinanzjathom l-Unjoni fi ħdan programmi differenti ta' finanzjament. L-attivitajiet bħalissa qed jitwettqu taħt il-Ftehimiet ta' għotja relatati kollha tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ffirmati mill-2014.

(10) Mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1118 ([5]), il-proġett ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt daħal b'mod ċar fi stadju importanti ġdid u viżibbli ħafna peress li l-istudji ewlenin ġew konklużi. Għaddejjin xogħlijiet fuq bosta siti inklużi is-settur 1 tal-Kanal ta' bejn ix-xmara Seine u t-Tramuntana tal-Ewropa, ir-rikostruzzjoni tad-digi sommerġibbli u t-titjib tal-imgħalaq fuq in-naħa ta' Fuq u ta' Isfel tax-Xmara Siene kif ukoll il-Lys transfruntiera.

(11) Il-kisbiet ewlenin sal-lum jinkludu fost l-oħrajn (i) l-aġġornament tal-parti ta' fuq tax-xmara Scheldt f'Wallonia għall-gejġ tal-klassi Va tal-ECMT minn Jannar 2020, inkluż l-adattament tal-punt ta' qsim ta' Tournai għal gejġ tal-klassi Va f'direzzjoni waħda tal-ECMT; (ii) id-dħul fis-servizz ta' mgħalaq ġodda tal-klassi Vb tal-ECMT f'St-Baafs-Vijve u Harelbeke minn Awwissu 2020, biex b'hekk il-Lys, ir-rabta kostitwenti tar-rotta Seine-Scheldt fil-Fjandri; (iii) il-ftuħ mill-ġdid tal-kanal transfruntier Condé-Pommeroeul mal-klassi Va tal-ECMT f'Novembru 2023.

(12) F'konformità mal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1118, twettaq rieżami biex tiġi aġġornata l-iskeda ta' żmien tal-azzjonijiet li jifdal.

(13) Il-lat transfruntier tal-proġett jitlob li jitwaqqfu strutturi ta' governanza apposta. Il-Belġju (b'mod partikulari r-reġjun Fjamming u r-reġjun ta' Wallonia) u Franza ilhom snin twal jikkooperaw mill-qrib bejniethom, b'mod partikulari fil-qafas tal-Kummissjoni Intergovernattiva għat-tħejjija tat-tlestija tal-proġett ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt, li ġiet stabbilita f'Settembru tal-2009. Din il-Kummissjoni Intergovernattiva għandha l-appoġġ operazzjonali tal-Grupp Ewropew b'Interess Ekonomiku fix-xmajjar Seine u Scheldt (il-GEIE tax-xmajjar Seine u Scheldt), li jiġbor flimkien il-"Voies Navigables de France" (VNF), is-"Société du Canal Seine-Nord Europe" (SCSNE), "le Service Public de Wallonie (SPW) u "De Vlaamse Waterweg NV". Il-kumpanija pubblika msejħa "Société du Canal Seine-Nord Europe", li hija responsabbli għall-kostruzzjoni tal-kanal ta' bejn ix-xmara Seine u t-Tramuntana tal-Ewropa, ġiet stabbilita f'Mejju tal-2017. Dawn l-entitajiet li twaqqfu apposta jikkostitwixxu struttura ta' ġestjoni integrata li tissorvelja u tikkoordina t-tlestija tal-proġett ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt. Jenħtieġ li l-Koordinatur Ewropew għall-Kuritur tan-Network Ewlieni ta' bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran u rappreżentant tal-Kummissjoni jieħdu sehem b'mod regolari fil-laqgħat tal-Kummissjoni Intergovernattiva u tal-GEIE tax-xmajjar Seine u Scheldt bħala osservaturi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Koordinatur Ewropew u rappreżentant tal-Kummissjoni jieħdu sehem fil-laqgħat tal-bord superviżorju (imsejjaħ il-"conseil de surveillance") tal-SCSNE bħala osservaturi.

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1118 tas-27 ta' Ġunju 2019 dwar il-proġett transfruntier ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt fil-Kurituri tan-Network Ewlieni ta' bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran u tal-Atlantiku (ĠU L 176, 1.7.2019, p. 61, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2019/1118/oj).

(14) Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress li jkun qed isir fl-implimentazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni rapporti regolari dwar il-kwistjoni li jkollhom x'jaqsmu mal-partijiet li jkunu jinsabu fit-territorji rispettivi tagħhom, u li dawn javżawha b'kull dewmien li kien hemm. Il-Kummissjoni Intergovernattiva pprovdiet rapport dwar il-progress tal-implimentazzjoni fis-27 ta' Jannar 2022. Din ir-reviżjoni tirrapporta wkoll dwar il-progress flimkien mal-proposti meħtieġa għall-aġġustament u l-elaborazzjoni ulterjuri tal-iskeda ġenerali. L-effetti konsiderevoli tal-pandemija tal-COVID-2020-2022 fuq il-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-proġett wasslu prinċipalment għall-iskeda ta' żmien adattata fl-Artikolu 2.

(15) L-iskeda ta'żmien tal-implimentazzjoni stabbilita b'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-ilħuq tar-rekwiżiti ddefiniti mil-liġi internazzjonali u mid-dritt tal-Unjoni, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem. Din l-iskeda ta' żmien jenħtieġ li tippermetti l-ippjanar u t-titjib bis-sħiħ tad-disponibbiltà tal-finanzjament, mingħajr ma jiġi ppreġudikat l-impenn finanzjarju ta' Stat Membru jew tal-Unjoni.

(16) L-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([9]) dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma.

(17) Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, jixraq li f'din id-Deċiżjoni tiġi prevista klawżola ta' rieżami.

(18) Peress li l-azzjonijiet meħtieġa għat-tlestija tal-proġett transfruntier ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt issa huma stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1118 titħassar.

(19) Il-Belġju u Franza approvaw il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni.

(20) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tiddeskrivi l-azzjonijiet tal-proġett transfruntier ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt u tistabbilixxi l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll id-dispożizzjonijiet ta' governanza marbutin ma' dan il-proġett.

([6]) Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/92/oj).

([7]) Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/42/oj).

([8]) Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj).

([9]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj).

([10]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj).

Artikolu 2

Azzjonijiet u skeda ta' żmien

Il-Belġju u Franza għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni f'waqtha tal-azzjonijiet li ġejjin:

(a) f'Seine-Amont, minn Nogent-sur-Seine sa Pariġi: it-titjib tal-kundizzjonijiet tan-navigazzjoni sa Diċembru tal-2030:

— it-titjib tal-kundizzjonijiet tan-navigazzjoni, inkluża r-rikostruzzjoni tad-digi sommerġibbli (Beaulieu, Livon, Vives-Eaux), sa Diċembru tal-2028, ir-riabilitazzjoni tal-imgħalaq (bħal Evry u Vigneux), u t-titwil u l-approfondiment tal-magħlaq ta' Ablon sa Diċembru tal-2029;

— l-istabbiliment tal-kontroll mill-bogħod tal-imgħalaq u tad-digi sommerġibbli sa Diċembru tal-2027;

— it-titjib tal-faċilitajiet għan-navigazzjoni u tas-servizzi mogħtija lill-utenti, sa Diċembru tal-2027;

— It-tlestija ta' studji preparatorji sa Diċembru tal-2025, ix-xogħlijiet preparatorji biex tiġi aġġornata l-parti bejn Bray-sur-Seine u Nogent-sur-Seine (28 km, inkluż il-bini ta' kanal ġdid ta' 10 kilometri) għall-klassi Va tal-ECMT sa Diċembru tal-2028, u l-bidu tax-xogħlijiet ewlenin sa Diċembru tal-2030;

(b) f'Seine-Aval, minn Suresnes sa Le Havre: l-aġġornamenti u t-titjib tal-kundizzjonijiet tan-navigazzjoni sa Diċembru tal-2027:

— ir-riabilitazzjoni tal-imgħalaq (bħal Méricourt Bougival, Suresnes, Andrésy, Notre-Dame-Sey-Garenne, Amfreville) u t-titwil ta' waħda mil-imgħalaq f'Méricourt, sa Diċembru 2026;

— l-immodernizzar tad-digi sommerġibbli (f'Port-Mort, Poses, Méricourt, Bougival, Suresnes u Andrésy) sa Diċembru tal-2027, inkluż it-tisħiħ tal-imbankment ta' Croissy-sur-Seine sa Diċembru tal-2025;

— l-istabbiliment tal-kontroll mill-bogħod tal-imgħalaq u tad-digi sommerġibbli sa Diċembru tal-2027;

— it-titjib tal-faċilitajiet għan-navigazzjoni u tas-servizzi mogħtija lill-utenti, sa Diċembru tal-2027;

— il-kostruzzjoni tal-pont pedonali ta' Poses-Amfreville, sa Diċembru 2026;

(c) f'Oise, minn Conflans-Sainte-Honorine sa Compiègne: l-aġġornament għall-klassi Vb tal-ECMT u t-titjib tal-kundizzjonijiet tan-navigazzjoni sa Diċembru tal-2028:

— l-aġġornament tax-xmara Oise għall-klassi Vb tal-ECMT bejn Creil u Compiègne (MAGEO: it-tħammil, it-tiswir tax-xtut tax-xmajjar u l-protezzjoni tal-mollijiet li jservu ta' pont, il-ħolqien tas-sit ta' kumpens idrawliku ta' Verneuil u l-karatteristiċi ambjentali) sa Diċembru tal-2028;

— ir-rikostruzzjoni tal-pont ta' Mours sa Diċembru tal-2028;

— l-istabbiliment tal-kontroll mill-bogħod tal-imgħalaq u tad-digi sommerġibbli sa Diċembru tal-2027;

(d) il-kanal ta' bejn ix-xmara Seine u t-Tramuntana tal-Ewropa, minn Compiègne sa Aubencheul-au-Bac: sa Diċembru tal-2030, il-kostruzzjoni u d-dħul fit-tħaddim, bil-klassi Vb tal-ECMT, tas-setturi li ġejjin, li jippermettu l-użu ta' tliet saffi ta' kontejners:

(1) is-settur 1 minn Compiègne sa Passel (18,6 km), inkluża l-kostruzzjoni tal-magħlaq ta' Montmacq:

— it-tlestija tax-xogħlijiet sa Diċembru tal-2029;

— il-bidu tal-operat tal-partijiet tal-passaġġ fuq l-ilma interni sa Ġunju tal-2030;

(2) tas-settur 2 minn Passel sa Allaines (46 km), li jaqsam 33 muniċipalità, tas-settur 3 minn Allaines sa Etricourt-Manancourt (15-il km), li jaqsam tliet muniċipalitajiet, u tas-settur 4 minn Etricourt-Manancourt sa Aubencheul-au-Bac (28 km), li jaqsam 11-il muniċipalità, inkluża l-kostruzzjoni tal-imgħalaq ta' Noyon, Catigny, Allaines, Marquion-Bourlon, Oisy-Le-Verger u l-magħlaq ta' kollegament mal-Kanal tat-Tramuntana san-Nofsinhar tal-magħlaq ta' Allaines, tal-baċir tal-ħżin tax-xmara Louette u tal-pont fil-kanal (pont-canal) ta' 1,33 km li jaqsam il-Wied tax-xmara Somme:

— awtorizzazzjoni ambjentali unika sa Awwissu tal-2024;

— il-bidu tax-xogħlijiet ewlenin sa Settembru tal-2025;

— it-tlestija tax-xogħlijiet sa Ġunju tal-2030;

— il-bidu tal-operat tal-parti tal-passaġġ fuq l-ilma interni sa Diċembru 2030.

(e) fl-assi ta' bejn Dunkerque u x-xmara Scheldt, inkluż il-kanal ta' Dunkerque minn Valenciennes sax-xmara Scheldt u saċ-ċentru tar-reġjun ta' Walloon, kif ukoll sax-xmara Deûle fid-direzzjoni ta' Gent: bl-għan li l-kanal jiġi kkalibrat gradwalment għall-klassi Va (bidirezzjonali) u l-klassi Vb (unidirezzjonali) tal-ECMT, u li jittejbu l-kundizzjonijiet tan-navigazzjoni, sa Diċembru tal-2027

(1) b'rabta mal-partijiet kollha:

— l-ewwel fażi ta' studji preliminari biex tiżdied il-kapaċità tal-imgħalaq (permezz tal-irduppjar u/jew tat-titwil tagħhom), sa Ġunju tal-2025;

— l-istabbiliment tal-kontroll mill-bogħod tal-imgħalaq sa Diċembru tal-2025;

— Jitwettqu studji li jidentifikaw il-miżuri li jadattaw l-għoli tal-istrutturi tal-inġinerija fl-assi ta' bejn Dunkerque u x-xmara Escaut għall-passaġġ ta' bastimenti li jġorru tliet saffi ta' kontenituri, sa Settembru tal-2027;

— l-iżgurar progressiv tal-kundizzjonijiet tan-navigazzjoni għall-bastimenti tal-klassi Va tal-ECMT sa Diċembru tal-2027;

(2) fil-parti minn Arleux sa Deulemont:

— l-aġġornament tax-xmara Deûle għall-klassi Va (bidirezzjonali) u għall-klassi Vb (unidirezzjonali) tal-ECMT sa Ġunju tal-2024

— it-titwil tal-magħlaq ta' Quesnoy-sur-Deûle , sa Diċembru tal-2026;

(3) fil-parti minn Bauvin sa Dunkerque:

— id-difiżi tax-xtut tax-xmajjar tal-kanal ta' Aire Neufossé (il-fażijiet 1 u 2) sa Diċembru tal-2026, u d-difiżi tax-xtut tax-xmajjar u r-riabilitazzjoni tal-linja tal-ilma fis-sezzjonijiet tal-kanal ta' Fontinettes sa Diċembru tal-2027;

— studji dwar ir-riabilitazzjoni tar-ras downstream u tal-art solida tal-magħlaq ta' Fontinettes, sa Diċembru 2030;

(f) fiċ-ċentru tar-reġjun ta' Walloon, minn Pommerœul sa Namur: l-aġġornament għall-klassi Va tal-ECMT sa Diċembru tal-2030:

— b'rabta mal-partijiet kollha: l-istabbiliment tal-kontroll mill-bogħod tad-digi sommerġibbli u tal-imgħalaq sa Diċembru tal-2030

(1) Il-parti minn Pommerœul sa Seneffe: l-aġġornament għall-klassi Va tal-ECMT, inkluż l-adattament tal-kanal ta' Nimy-Blaton-Péronnes u l-kostruzzjoni tal-magħlaq ta' Obourg (klassi Va tal-ECMT), maġenb dik eżistenti (klassi IV tal-ECMT), bit-tlestija tax-xogħlijiet sa Diċembru tal-2030;

(2) Il-parti minn Seneffe sa Charleroi: l-aġġornament għall-klassi Va tal-ECMT u l-kostruzzjoni ta' mgħalaq ġodda f'Marchienne, Gosselies u Viesville (klassi Va tal-ECMT) rispettivament ħdejn dawk eżistenti (klassi IV tal-ECMT klassi IV), bit-tlestija sa Diċembru tal-2030;

(3) Il-parti minn Charleroi sa Namur:

— it-titjib tal-possibbiltajiet tal-qsim u tal-kundizzjonijiet tan-navigazzjoni, bit-tlestija tal-istudji sa Diċembru tal-2024 u t-tlestija tax-xogħlijiet sal-2030;

(g) Il-parti ta' fuq tax-xmara Scheldt:

(1) fir-reġjun ta' Wallonia (il-Belġju): iż-żieda fil-kapaċità permezz tad-duplikazzjoni tal-imgħalaq u l-iżgurar tas-siti tal-imgħalaq permezz tal-adattament tal-imgħalaq ta' Hérinnes u Kain, bit-tlestija tal-istudji sa Diċembru tal-2026 u t-tlestija tax-xogħlijiet sa Diċembru tal-2030;

(2) fir-reġjun Fjamming (il-Belġju): it-tlestija tal-istudji dwar l-aġġonament tal-imgħalaq għall-klassi Vb tal-ECMT sa Ġunju tal-2024, u t-tfassil ta' pjan ta' implimentazzjoni teknika u finanzjarja sa Ġunju tal-2025;

(h) f'Lys: l-aġġornament għall-klassi Vb (unidirezzjonali) u għall-klassi Va (bidirezzjonali) tal-ECMT, li jippermetti l-użu ta' tliet saffi ta' kontejners, sa Diċembru tal-2030, inkluż:

(1) fir-reġjun Fjamming (il-Belġju), bejn Ghent u Wervik:

— Kalibrazzjoni tal-klassi Vb ECMT , inkluż l-irfigħ ta' pontijiet li jippermettu tliet saffi ta' kontenituri:

— fil-parti Deinze-St-Baafs-Vijve sa Diċembru tal-2026;

— fil-parti St-Baafs-Vijve- Harelbeke sa Diċembru tal-2028;

— fil-partijiet Harelbeke-Menen u Menen-Wervik sa Diċembru tal-2030;

(2) fir-reġjun ta' Wallonia (il-Belġju), fil-muniċipalità ta' Comines: l-iżgurar tan-navigazzjoni, speċjalment bil-modernizzazzjoni tad-diga sommerġibbli u l-magħlaq f'Comines, sa Diċembru tal-2030;

(3) fi Franza, bejn Deûlémont u Comines: l-aġġornament għall-klassi Vb tal-ECMT sa Diċembru tal-2025;

(i) fin-network ta' kollegament fir-reġjun Fjamming:

(1) studji għall-aġġornament tal-partijiet Fjammingi tal-passaġġi fuq l-ilma interni li jagħtu b'mod dirett għall-kollegament ewlieni ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt, sa Diċembru tal-2024:

— l-aġġornament tal-kollegamenti mal-portijiet marittimi ta' Zeebrugge u ta' Antwerp (il-kanal ta' bejn Ghent u Bruges u l-parti marittima ta' fuq tax-xmara Scheldt rispettivament) għall-klassi Va tal-ECMT, li jippermetti l-użu ta' tliet saffi ta' kontejners sa Diċembru tal-2024;

— l-aġġornament tal-kanali ta' Roeselare-Lys u Bossuit-Kortrijk għall-klassi Va tal-ECMT sa Diċembru tal-2024;

(2) it-tfassil ta' pjan ta' implimentazzjoni teknika u finanzjarja, inkluża valutazzjoni tal-prijorità ddettaljata, għall-aġġornamenti meħtieġa fil-partijiet imsemmijin hawn fuq, sa Diċembru tal-2025;

(j) fin-network ta' kollegament fir-reġjun Fjamming:

minn Péronnes sa Pommeroeul, fuq il-Kanal Nimy-Blaton-Péronnes: it-twettiq ta' studji, b'mod partikulari għall-modernizzazzjoni kompluta għall-klassi IV tal-ECMT, sa Diċembru tal-2030, u t-tfassil ta' pjan ta' implimentazzjoni teknika u finanzjarja tal-modernizzazzjoni meħtieġa, sa Diċembru tal-2030;

(k) Seneffe – Antwerp,

(1) fil-partijiet Fjamminga u tar-reġjun ta' Walloon: it-twettiq ta' studji, b'mod partikulari biex ikun hemm aġġornament komplut għall-klassi IV tal-ECMT, sa Diċembru tal-2024, u t-tfassil ta' pjan ta' implimentazzjoni teknika u finanzjarja tal-aġġornamenti meħtieġa, sa Diċembru tal-2025;

(2) fil-parti tar-reġjun ta' Walloon:

— Il-modernizzazzjoni u s-sekurizzazzjoni tas-siti tal-pjan inklinat ta' Ronquières u l-magħlaq ta' Ittre sa Diċembru 2030

— l-istabbiliment tal-kontroll mill-bogħod tal-imgħalaq ta' Ittre sa Diċembru tal-2030;

(l) azzjonijiet ġenerali:

(1) it-tfassil, sa Diċembru tal-2024, ta' qafas tal-politika kkoordinat bejn il-partijiet differenti sabiex jiġi promoss l-użu sħiħ tal-infrastruttura tal-karburanti alternattivi tul in-network kollu ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt, f'konformità mal-oqfsa ta' politika nazzjonali li l-Belġju u Franza bagħtu fil-kuntest tad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), bil-ħsieb li dan jiġi implimentat b'mod gradwali sa Diċembru tal-2030;

(2) l-implimentazzjoni ta' servizzi integrati u effiċjenti transfruntiera għall-ġestjoni tat-traffiku u tat-trasport tul in-network kollu ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt, inkluża l-implimentazzjoni tal-RIS fuq skala sħiħa skont id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]), sa Diċembru tal-2028;

(3) l-iżvilupp ta' pjattaformi multimodali tal-loġistika għan-network ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt sa Diċembru tal-2030.

Artikolu 3

Governanza

1. Il-Koordinatur Ewropew għall-Kuritur tan-Network Ewlieni ta' bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran u rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea għandhom jiġu mistiedna jieħdu sehem bħala osservaturi fil-laqgħat tal-bord superviżorju (imsejjaħ il-"conseil de surveillance") tal-kumpanija pubblika msejħa "Société du Canal Seine-Nord Europe".

2. Il-progress li jkun qed isir b'rabta mal-azzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 2 għandu jiġi diskuss b'mod regolari fil-qafas tal-Kummissjoni Intergovernattiva għat-tħejjija tat-tlestija tal-proġett ta' bejn ix-xmara Seine u x-xmara Scheldt, kif ukoll fil-qafas tal-GEIE tax-xmajjar Seine u Scheldt. Il-Koordinatur Ewropew għall-Kuritur tan-Network Ewlieni ta' bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran u rappreżentant tal-Kummissjoni għandhom jiġu mistiedna jieħdu sehem bħala osservaturi mill-inqas darbtejn fis-sena fil-laqgħat tal-Kummissjoni Intergovernattiva u mill-inqas tliet darbiet fis-sena fil-laqgħat tal-GEIE tax-xmajjar Seine u Scheldt.

Artikolu 4

Rappurtar

Mill-inqas darba fis-sena, il-Belġju u Franza għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni u lill-Koordinatur Ewropew għall-Kuritur tan-Network Ewlieni ta' bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran dwar il-progress li jkun qed isir fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 2, u għandhom javżawhom b'kull dewmien li kien hemm, filwaqt li jispeċifikaw ir-raġunijiet għal dan id-dewmien u l-miżuri korrettivi li jkunu ħadu b'rabta ma' dan. Għal dan il-għan, meta jkun xieraq dawk l-Istati Membri jistgħu jużaw il-kontenut tar-rapporti annwali dwar l-istatus li għandhom jintbagħtu fil-kuntest tal-Ftehimiet tal-Għotja tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

Artikolu 5

Rieżami

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027, fuq talba tal-Belġju u ta' Franza jew fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-azzjonijiet u tal-iskeda taż-żmien imsemmijin fl-Artikolu 2 bl-għajnuna tal-Koordinatur Ewropew għall-Kuritur tan-Network Ewlieni ta' bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran.

([11]) Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/94/oj).

([12]) Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2005/44/oj).

Artikolu 6

Tħassir

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1118 hija mħassra.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju u lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Adina Ioana VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni